MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 25/2011

**L-Avukat Dottor Carlo M. Vigna bħala mandatarju speċjali tal-imsiefrin Heiko Toralf Pechthold u martu Sandy Reissenweber nèe Reichenbacher**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-12 ta' Jannar 2011 li permezz tiegħu l-attur nomine ppremetta:

1. Illi l-mandanti tal-esponent, u ċjoe' Heiko Toralf Pechthold u Sandy Reissenweber *nèe* Reichenbacher – li huma ta' nazzjonalita' Ġermaniża – kien bi ħsiebhom jiżżewġu fuq il-vapur *M.V. Mein Schiff* (li huwa reġistrat Malta) nhar it-18 ta' April 2010 matul *cruise.*

2. Illi effettivament kienu sar l-arranġamenti neċessarji ma' l-Awtoritajiet Maltin f'dan is-sens u ġew anke preparati d-dokumenti opportuni – fosthom l-Att taż-Żwieġ (Dok A) – mir-Reġistratur Konvenut.

3. Illi pero' ġara li b'konsegwenza tal-eruzzjoni li seħħet f'vulkan ġewwa l-Iżlanda, minħabba il-*volcanic ashes* kellhom jingħalqu diversi ajruporti ġewwa l-Ewropa u għalhekk l-imsemmija Heiko Toralf Pechthold u Sandy Reissenweber *nèe* Reichenbacher ma setgħux jitilqu għal *cruise* fid-data ppjanata.

4. Illi għalhekk minħabba f'dan ġiet posposta d-data taż-żwieġ għal nhar l-24 ta'April 2010 u effettivament il-mandanti tal-attur *nomine* iżżewġu fuq 'il fuq imsemmi vapur nhar l-24 ta' April 2010 u dana kollu kif jirriżulta mill-annessi dikjarazzjonijiet – inklużi dawk tax-xhieda – immarkati bħala Dok B sa Dok E.

5. Illi ġara pero' li l-kaptan tal-vapur fuq id-dokument Att taż-Żwieġ (Dok A) filwaqt li kkorreġa d-data tal-Att, ma kkorreġiex id-data taż-żwieġ u dan kif jirriżulta mill-annessa dikjarazzjoni tal-kaptan tal-vapur *Mein Schiff* – Dok F.

6. Illi kif jirriżulta miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ (Dok G) li jġib in-numru progressiv 361 tas-sena 2010 datat 5 ta' Mejju 2010 rilaxxat mir-Reġistratur konvenut jirriżulta li:

(i) id-data tal-Att hija t-18 ta' April 2010 u mhux l-24 ta' April 2010; u li

(ii) d-data taż-żwieġ hija t-18 ta' April 2010 u mhux id-data korretta, u ċjoe' l-24 ta'April 2010.

7. Illi għalhekk jeħtieġu li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fiċ-ċertifikati taż-żwieġ tal-mandanti tal-attur *nomine* sabiex dan jkun jirrifletti r-realta' tal-fatti u b'hekk jiġu korretti kemm id-data tal-Att taż-Żwieġ kif ukoll id-data taż-Żwieġ.

## <u>RAĠUNI TAT-TALBA</u>

Illi l-mandanti tal-attur *nomine* kien bi ħsiebhom jiżżewġu matul *cruise* fuq il-vapur *MV Mein Schiff* (reġistrat Malta), u ċjoe' nhar it-18 ta' April 2010 iżda minħabba *volcanic ashes* konsegwenti għall-eruzzjoni ta' vulkan fl-Iżlanda ingħalqu numru ta' ajruporti biex b'hekk huma ma setgħux jaqblu l-*cruise* fid-data stabbilita, u allura ż-żwieġ tagħhom kellu jiġi pospost għall-24 ta' April 2010, u dana kif jirriżulta mill-annessi Dok B sa Dok E;

Illi d-dokuemnti neċessarji sabiex jiġi reġistrat hawn Malta l-imsemmi żwieġ kienu ġa ġew ppreparati mill-awtoritajiet kompetenti u kienu jindikaw id-data tat-18 ta' April 2010, u kwindi l-kaptan tal-imsemmi vapur ġie awtoriżżat jikkorreġi tali dati;

Illi effettivament iż-żwieġ in kwistjoni ġie ċċelebrat nhar l-24 ta' April 2010 fuq il-vapur *MV Mein Schiff* iżda għal xi raġuni fuq l-Att taż-żwieġ ġiet biss korretta d-data tal-Att taż-Żwieġ, iżda ma ġietx korretta d-data taż-Żwieġ, u dana kif jirriżulta mill-annessa dikjarazzjoni Dok F;

Illi fiċ-ċertifikat rilaxxat mir-Reġistratur konvenut kemm id-**"Data tal-Att – *Date of Act*"**, kif ukoll fil-kolonna numru (4) fejn jiġi ndikat id-data taż-żwieġ huma żbaljati, fis-sens li erronjament huma ndikati bħala t-18 ta'April 2010 u mhux l-24 ta'April 2010 kif suppost;

Illi għalhekk l-imsemmi ċertifikat taż-żwieġ ma jirrispekkjax ir-realta' u jeħtieġ li jiġi korrett u għalhekk saret din it-talba.

## <u>TALBIET</u>

Illi jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-korrezzjoni tal-Att taż-Żwieġ (**Numru wara l-ieħor tar-Reġistru Nru –** *Progressive number of Registration No.* **361 Data tad-dħul tal-Att –** *Date of receipt of the Act* **05/05/2010**) ta' Heiko Toralf Pechthold u Sandy Reissenweber *nèe* Reichenbacher, billi:

*1.* Fejn hemm indikat id-**"Data tal-Att –** *Date of Act*" jitneħħew il-kliem *"Sun. 18 April 2010"* u minflok jitniżżel *"Sun. 24 April 2010".*

2. Fil-kolonna (4) fejn hemm indikat id-data taż-żwieġ jitneħħa *"Sun. 18 April 2010"* u minflok jitniżżel *"Sun. 24 April 2010".*

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur nomine u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fit-18 ta' Frar 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti ma jsib l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet tar-rikorrenti salv li huwa m'għandux ikun assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti tenut kont tal-fatt li kien il-kaptan stess, is-Sur Michael Block, li għamel id-dikjarazzjoni fl-Att taż-żwieġ bin-numru ta' reġistrazzjoni 361/2010 u kien anke ffirma li l-informazzjoni hemm kontenuta kienet waħda korretta;

2. Illi mill-bqija, l-esponenti jirrimetti ruħu għas-savju u ulterjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2011 minn fejn jirriżulta fost affarijiet oħra li l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata kif indikat mid-dokumenti esebiti fil-verbal imsemmi. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dan u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' ż-żewġ talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------